PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

**A7-0023/2010**

1.3.2010

# RAPPORT

dwar ir-rapport annwali mill-Kunsill lill-Parlament Ewropew dwar l-aspetti prinċipali u l-għażliet bażiċi tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) fl-2008, ippreżentat lill-Parlament Ewropew b'applikazzjoni tal-Parti II, Taqsima G, paragrafu 43 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 (2009/2057(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: Gabriele Albertini

PR_INI_art119-1

## WERREJ

**Paġna**


MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ...............................3

OPINJONI TAL-MINORANZA ...................................................................................19

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS.......................................................................20

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT ..................................................24

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar ir-rapport annwali mill-Kunsill lill-Parlament Ewropew dwar l-aspetti prinċipali u l-għażliet bażiċi tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) fl-2008, ippreżentat lill-Parlament Ewropew b'applikazzjoni tal-Parti II, Taqsima G, paragrafu 43 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006**
**(2009/2057(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra r-rapport annwali mill-Kunsill lill-Parlament Ewropew dwar l-aspetti prinċipali u l-għażliet bażiċi tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) fl-2008, ippreżentat lill-Parlament Ewropew b'applikazzjoni tal-Parti II, Taqsima G, Paragrafu 43 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006[1],

– wara li kkunsidra t-Trattat ta' Lisbona li jemenda t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, b'mod partikolari t-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea kif emendat, bit-titolu 'Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar l-Azzjoni Esterna tal-Unjoni u Dispożizzjonijiet Speċifiċi dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni',

– wara li kkunsidra l-Istrateġija Ewropea tas-Sigurtà (ESS) adottata mill-Kunsill Ewropew fit-12 ta' Diċembru 2003 u r-Rapport dwar l-Implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea tas-Sigurtà adottat fil-11 ta' Diċembru 2008,

– wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali msemmi hawn fuq, tas-17 ta' Mejju 2006, bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar ir-rapporti annwali tal-PESK tal-2006 u tal-2007, tal-5 ta' Ġunju 2008[2] u d-19 ta' Frar 2009[3] rispettivament,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Ottubru 2009 dwar l-aspetti istituzzjonali tal-ħolqien tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Barranija[4],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 119(1) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0023/2010),

A. billi r-rwol tal-Unjoni Ewropea bħala attur globali żdied tul dawn l-aħħar deċennji u billi jinħtieġu approċċ ġdid u aktar mezzi finanzjarji jekk l-UE għandha taġixxi b’mod kollettiv u taffronta l-isfidi globali b’mod demokratiku, koerenti, konsistenti u effiċjenti,

---

[1] ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
[2] Testi adotatti, P6_TA(2008)0254.
[3] Testi adottati, P6_TA(2009)0074.
[4] Testi adottati, P7_TA-PROV(2009)0057

B. billi l-Unjoni Ewropea, fir-relazzjonijiet tagħha fid-dinja usa', għandha tiżviluppa aktar l-għanijiet tagħha tal-politika barranija, issostni u tippromwovi l-valuri u l-interessi tagħha, tikkontribwixxi għall-protezzjoni taċ-ċittadini tagħha u tavvanza dawn il-valuri madwar id-dinja bil-għan li jikkontribwixxu għall-paċi, is-sigurtà, l-iżvilupp sostenibbli tal-pjaneta, is-solidarjetà u r-rispett reċiproku bejn il-popli, il-kummerċ ħieles u ġust, il-qerda tal-faqar u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari d-drittijiet tat-tfal, kif ukoll l-osservanza stretta u l-iżvilupp tal-liġi internazzjonali, inkluż ir-rispett tal-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, billi l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari l-universalità u l-indiviżibbiltà tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, għandha tkun fiċ-ċentru tal-azzjoni esterna tal-UE u billi l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali issa hija vinkolanti fuq l-attivitajiet esterni tal-UE,

C. billi t-Trattat ta' Lisbona jintroduċi dimensjoni ġdida għall-azzjoni esterna tal-Unjoni kollha kemm hi, inkluża l-PESK, li flimkien mal-personalità legali tal-UE u l-innovazzjonijiet istituzzjonali relevanti, b'mod partikolari l-ħolqien tal-uffiċċju tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ('il-Viċi President/Rappreżentant Għoli') u t-twaqqif tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), jista' jkun fattur deċiżiv fil-koerenza, konsistenza u effikaċja tal-azzjoni esterna tal-Unjoni u jista' jtejjeb b'mod sinifikanti s-setgħa ta' tiswir tagħha fix-xena internazzjonali,

D. billi jinħtieġu aktar sforzi sabiex titjieb it-tempestività tar-reazzjoni tal-UE għal kriżijiet politiċi u kunflitti reġjonali; billi l-mekkaniżmi attwali ta' finanzjament u ta' teħid ta' deċiżjonijiet jistgħu jfixklu reazzjonijiet komprensivi u tempestivi u billi jridu jinstabu modi kif tkun limitata aktar u kif tingħeleb ir-regola tal-unanimità,

E. billi huwa essenzjali li jiġu identifikati korrettement, u li ssir azzjoni skont, l-interessi Ewropej komuni biex jintlaħqu l-objettivi tal-azzjonijiet esterni tal-Unjoni u b'mod partikolari dawk tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK); billi huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-politiki kollha deċiżi u l-azzjonijiet meħuda jkunu skont il-liġi internazzjonali, inklużi l-prinċipji stipulati fil-Karta tan-NU,

F. billi l-promozzjoni tal-paċi, tad-drittijiet tal-bniedem u tal-istat tad-dritt fid-dinja kollha hija l-għan ċentrali tal-politiki esterni tal-UE,

G. billi t-Trattat ta' Lisbona jagħti mandat lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli sabiex tassisti lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jiżguraw il-konsistenza bejn l-oqsma differenti ta' azzjoni esterna u bejn dawn u l-oqsma l-oħra tal-politika tal-Unjoni,

H. billi sa mid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, l-Unjoni Ewropea teżerċita l-istess drittijiet u tassumi l-istess obbligi tal-Komunità Ewropea filwaqt li tkompli teżerċita d-drittijiet eżistenti u tassumi l-obbligi tal-UE,

I. billi l-isfidi ġodda relatati mas-sigurtà jirrikjedu li ssir enfasi aktar b'saħħitha fuq it-tisħiħ, it-taħlit u l-ibbilanċjar ta' strumenti differenti ċivili u militari fl-ispektrum kollu tal-prevenzjoni tal-kunflitti, tas-soluzzjoni tal-kunflitti, tal-ġestjoni tal-kriżijiet u tal-attivitajiet għall-bini tal-paċi,

J. billi xi 10 snin wara t-tnedija tal-Politika Ewropea ta' Sigurtà u Difiża (PESD), li

matulhom madwar 23 missjoni ntbagħtu f'żoni ta' kriżi, jeħtieġ li jitjiebu l-kapaċitajiet militari u ċivili u jiġu kkonsolidati l-istrutturi sabiex b'mod adegwat jirriflettu r-rwol tal-Politika Komuni ta' Difiża u Sigurtà(PSDK) fl-appoġġ għall-PESK u għall-għoti tas-sigurtà internazzjonali,

*Prinċipji tal-azzjoni esterna Ewropea*

1. Jistieden lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli u lis-servizzi tagħha sabiex jiżviluppaw – bil-għan li japprofondixxu l-ħsieb strateġiku kollettiv tal-Unjoni – strateġija koerenti għall-politika estera tal-UE msejsa fuq l-objettivi u l-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat UE; huwa tal-fehma li strateġija bħal din għandha tidentifika b'mod ċar l-interessi tas-sigurtà komuni tal-UE u b'hekk isservi bħala qafas ta' referenza għat-tfassil tal-politika kif ukoll għall-formulazzjoni, il-finanzjament, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-azzjoni esterna tal-UE; jistieden lill-Viċi President/Rappreżentant Għolja biex tassoċja b'mod sħiħ korpi rilevanti tal-Parlament Ewropew fi sforzi ta' dan it-tip; jemmen li l-kunċetti tas-Sigurtà tal-Bniedem kif definiti mir-Rapport Madrid tal-2007 tal-Grupp ta' Studju dwar is-Sigurtà tal-Bniedem, u r-Responsabbiltà tal-Ħarsien, kif definita mid-Dokument ta' Eżitu tas-Samit Dinji tal-2005, għandhom isiru tnejn mill-prinċipji li jiggwidawha;

*Ir-Rapport Annwali tal-Kunsill tal-2008 dwar il-PESK*

2. Jilqa' b'sodisfazzjon l-ambizzjoni tal-Kunsill li jadotta approċċ aktar strateġiku, imsejjes fuq temi u razzjonalizzat għal kwistjonijiet ta' PESK meta jkun qed ifassal ir-rapport annwali tiegħu għall-2008; ifaħħar ukoll l-introduzzjoni mill-Kunsill ta' struttura aktar trasparenti, b'kapitoli ewlenin dwar l-attivitajiet tal-passat u, b'mod partikolari, il-prospettivi ġejjiena fil-qasam tal-PESK; jinnota wkoll it-titjib fir-rapport rigward l-elaborazzjoni tal-kuntest reġjonali tal-azzjoni esterni;

3. Jenfasizza għal darba oħra li l-kamp ta' applikazzjoni tar-rapport m'għandux ikun limitat sempliċiment għal deskrizzjoni tal-attivitajiet tal-PESK iżda għandu jipprovdi l-opportunità li jiġi stabbilit djalogu mal-Parlament Ewropew bil għan li jkun żviluppat approċċ aktar strateġiku għall-PESK; jirrakkomanda li r-rapport annwali tal-PESK għandu jinbidel f'rapport annwali li jiddiskuti l-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-politika estera tal-UE, filwaqt li jevalwa l-effikaċja tagħha u jagħti stampa ġenerali tad-direzzjoni ġejjiena tagħha; jirrakkomanda barra minn hekk, li ssir aktar referenza għall-ħtiġijiet baġitarji u l-impatt finanzjarji tal-azzjoni esterni f'rappurtar ta' dan it-tip;

4. Jemmen fil-valur miżjud ta' strateġija aktar estensiva u komprensiva fil-kuntest tar-rapporti annwali tal-PESK u speċifikament il-kapitoli tagħhom dwar il-gruppi u l-imsieħba reġjonali kif ukoll dwar l-interkonnessjonijiet bejn il-missjonijiet tal-PESK/PSDK u strumenti oħra li jippromwovu r-rwol tal-UE bħala parteċipant globali; perspettiva bħal din għandha, fost affarijiet oħra, tagħti ħarsa ġenerali aħjar tal-kontribuzzjoni totali mill-baġit tal-UE f'reġjun partikolari;

5. Itenni l-pożizzjoni tiegħu li, sabiex titjieb il-leġittimità demokratika tal-PESK, il-korpi kompetenti tal-Parlament għandhom jiġu kkonsultati dwar it-tnedija ta' missjonijiet tal-PSDK u li d-deċiżjonijiet fejn ikun xieraq għandhom iqisu l-pożizzjonijiet adottati mill-Parlament u jinkludu referenzi għalihom; iqis li konsultazzjoni tali għandha tinkludi

tagħrif dwar ir-raġunijiet tal-azzjonijiet meħuda u spjegazzjoni dwar kif il-missjoni tirrelata mal-azzjonijiet relevanti tal-UE u dawk internazzjonali, l-implikazzjonijiet finanzjarji tagħha u l-mod ta' kif tinteraġixxi mal-istrumenti l-oħra tal-UE;

***Implikazzjonijiet tat-Trattat ta' Lisbona***

6. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-ratifika u d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, li jagħti lill-UE l-għodda sabiex tkompli ttejjeb l-irwol u l-viżibilità tagħha fix-xena internazzjonali; jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-irwol fundamentali ta' kull Stat Membru, tal-Kunsill u tal-Viċi President/Rappreżentant Għoli l-ġdida biex id-dispożizzjonijiet bil-miktub tat-Trattat jissarrfu f'fatti reali u azzjoni sostanzjali permezz tat-tisħiħ tar-relazzjonijiet tal-UE mal-imsieħba strateġiċi tagħha u l-konsolidazzjoni tat-tmexxija tagħha fil-fora multilaterali; jenfasizza l-importanza tad-dispożizzjoni tat-Trattat li tgħid li l-kompetenza tal-Unjoni fil-qasam tal-PESK issa se jkopri l-oqsma kollha tal-politika barranija u l-kwistjonijiet kollha relatati mas-sigurtà tal-Unjoni, inkluż it-tfassil progressiv ta' politika tad-difiża komuni, li tista' twassal għal difiża komuni;

7. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-rwol tal-Viċi President/tar-Rappreżentant Għoli li tippresiedi l-Kunsill tal-Affarijiet Barranin u l-fatt li r-rappreżnetant tagħha se jippresiedi l-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS); jistenna li dawn il-funzjoniiet ġodda jikkonsolidaw il-kuntatti interkostituzzjonali u jrawmu djalogu aktar stabbli bejn l-istituzzjonijiet; jistieden lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli sabiex tibni fuq l-esperjenza tal-preżenza perjodika tar-Rappreżentant Għoli u tal-Kummissarju għar-Relazzjonijiet Esterni fil-Parlament waqt il-plenarja u fil-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, u fuq il-prattika ta' laqgħat informali, sabiex jiżdiedu u jiġu żviluppati konsultazzjonijiet regolari, sistematiċi u sostantivi mal-Parlament u mal-korpi kompetenti tiegħu;

8. Hu tal-fehma li l-fużjoni tal-pilastri intergovernattivi u dawk Komunitarji fil-kariga waħdanija tal-Viċi President/Rappreżentant Għoli, li hu suġġett għal vot ta' kunsens kollettiv mill-Parlament Ewropew, tista' żżid il-leġittimità tal-attivitajiet tal-PESK sakemm jinħoloq djalogu strateġiku kontinwu bl-istess kundizzjonijiet bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni fil-livelli kollha;

9. Jisħaq fuq il-fatt li l-Istati Membri għandhom jaħdmu fi spirtu ta' solidarjetà politika reċiproka sabiex jinkiseb livell  ta' konverġenza dejjem akbar tal-azzjonijiet fil-qasam tal-PESK;

10. Itenni li, sabiex ikun possibbli għall-UE li jkollha sehem attiv fid-dinja, jeħtieġ li jkunu allokati biżżejjed fondi fil-baġit tal-UE; jiddispjaċih li l-baġit relevanti għad m'għandux fondi biżżejjed u jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar il-konsegwenzi tal-finanzjament insuffiċjenti għall-ħila tal-Unjoni li twettaq politika barranija kredibbli u proattiva; jenfasizza l-ħtieġa li l-Unjoni tingħata l-mezzi finanzjarji meħtieġa għal reazzjoni konsistenti u adegwata għal sfidi dinjija mhux previsti u, f'dan is-sens, jistenna b'ħerqa li jiġi kkonsultat dwar il-proċeduri u li jiġi involut bis-sħiħ fil-proċeduri għall-għoti ta' aċċess rapidu għal approprjazzjonijiet fil-baġit tal-Unjoni għal finanzjament urġenti tal-inizjattivi tal-PESK; jistieden lill-Viċi President/Rappreżentant Gholi biex fl-istess ħin tiżviluppa strateġija ta' komunikazzjoni effettiva li tinforma aħjar liċ-ċittadini tal-UE dwar l-iskopijiet u l-merti tal-PESK u, f'dan ir-rigward, itenni bil-qawwa l-importanza tal-leġittimità demokratika u l-iskrutinju tal-politika barranija u ta' sigurtà tal-Unjoni

Ewropea;

11. Itenni t-tħassib tiegħu dwar in-nuqqas ta' trasparenza u informazzjoni fir-rigward tal-finanzjament tal-ispejjeż komuni tal-operazzjonijiet tal-UE li jkollhom implikazzjonijiet militari jew ta' difiża, peress li l-mekkaniżmu Athena ma jippermettix, evidentement, li tinkiseb perspettiva ġenerali tal-implikazzjonijiet finanzjarji kollha tal-missjonijiet imwettqa taħt il-PESK; jilqa' b'sodisfazzjon, għalhekk, it-twaqqif tal-fond ta' tnedija skont l-Artikolu 41(3) tat-Trattat UE u jitlob li jiġi kkonsultat dwar il-ġestjoni tiegħu, f'konformità mal-prerogattivi ġenerali tal-PE dwar il-PESK u l-PSDK kif definiti fl-Artikolu 36 tat-Trattat UE; jirrimarka li parteċipazzjoni akbar mill-Parlament fid-definizzjoni, il-monitoraġġ u s-segwitu tal-PESK tirriżulta kemm mill-interkonnessjoni bejn il-PESK u l-PSDK, kif enfasizzat fl-Artikolu 42 tat-Trattat UE, kif ukoll mill-iskrutinju parlamentari msaħħaħ fil-livell nazzjonali u Ewropew kif imniżżel fil-Protokoll Nru 1 tiegħu;

12. Jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli biex jaħtfu l-opportunità offruta mit-twaqqif tal-SEAE biex tinħoloq politika barranija aktar koerenti, konsistenti u effettiva; f'dan ir-rigward, jistenna li l-valuri u l-objettivi bażiċi tal-politika barranija tal-Unjoni bħar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-promozzjoni ta' dawn id-drittijiet, kif imħaddna fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali li issa hija legalment vinkolanti, kif ukoll il-prijoritajiet tal-politika barranija tal-Unjoni bħall-immaniġġjar ta' kriżi u l-iżvilupp tal-paċi, jiġu riflessi kif xieraq fl-istruttura tal-SEAE, anke fil-qasam tar-riżorsi umani; itenni li t-twaqqif u l-operat tal-SEAE jrid jippreserva d-drittijiet ta' skrutinju demokratiku u baġitarju tal-Parlament Ewropew;

13. Jinnota li t-Trattat ta' Lisbona għandu implikazzjonijiet sostanzjali għall-PESK billi jorganizza mill-ġdid ir-responsabbiltajiet amministrattivi, u għaldaqstant jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jiżguraw li l-ekonomiji ta' skala f'termini ta' strutturi ta' appoġġ iwasslu għal tnaqqis fl-ispejjeż amministrattivi;

14. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi stabbilita aktar ċarezza dwar il-kriterji għall-ħatra u l-evalwazzjoni tar-Rappreżentanti Speċjali tal-UE (RSUE), filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu wkoll il-ħtieġa għal rappreżentanza biżżejjed taż-żewġ sessi; ifakkar li bħalissa l-Parlament m'għandu l-ebda mezz kif jikkontesta mandat individwali ta' RSUE, peress li l-approprjazzjonijiet għall-eżerċizzju ta' mandat bħal dan huma inklużi fl-Artikolu 19 03 06, li jkopri l-mandati kollha tar-RSUE; jitlob, għalhekk, li jkun hemm skrutinju parlamentari akbar u kontroll fuq il-ħatriet tar-RSUE; iqis li r-RSUE relevanti għandhom b'mod gradwali jitneħħew filwaqt li l-funzjonijiet tagħhom jistgħu jitwettqu mill-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-UE bbażati fil-pajjiżi filwaqt li r-RSUE b'responsabilitajiet reġjonali jridu jikkoordinaw u jipprovdu gwida politika lill-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-UE taħt l-awtorità tal-Viċi President/Rappreżentant Għoli fil-pajjiżi konċernati sabiex tkun żgurata azzjoni esterna Ewropea koerenti u konsistenti; jinnota li mandat doppju (double-hatting) huwa, f'dan ir-rigward, l-ewwel – iżda mhux l-uniku – pass li hemm bżonn jittieħed sabiex jinħolqu ekonomiji ta' skala u l-PESK issir aktar effiċjenti; jistieden lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli sabiex tieħu passi bil-għan li tagħti lir-RSUE l-kompitu li jikkoordinaw u jipprovdu gwida politika anke rigward il-missjoni tal-PSDK fil-mandat tagħhom;

15. Jitlob lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli sabiex tikkonsulta l-kumitat relevanti tal-Parlament dwar ħatriet li tagħmel għal karigi għolja fis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), inklużi r-RSUE; huwa determinat li jistieden lil ċerti RSUE u Kapijiet ta' Delegazzjoni jidhru quddiem il-kumitat wara li jinħatru;

16. Jinnota li t-Trattat ta' Lisbona jinkludi proċeduri finanzjarji ġodda għall-PESK, isaħħaħ id-djalogu bejn il-Kunsill u l-Parlament dwar il-PESK billi jintroduċi żewġ dibattiti annwali li għandhom isiru mal-Viċi President/Rappreżentant Għoli, u jiddeskrivi r-rwol u r-responsabilitajiet tal-Parlament f'relazzjoni mal-PSDK; jitlob, għaldaqstant, li jkun hemm reviżjoni tal-ftehimiet interistituzzjonali eżistenti, bl-involviment tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin tiegħu, sabiex tkun żgurata l-implimentazzjoni bla skossi u effiċjenti tal-proċeduri baġitarji, konsultattivi u ta' sorveljanza għall-PESK u l-PSDK u sabiex jitjieb l-aċċess għal informazzjoni sensittiva; jiġbed attenzjoni partikulari, f'dan ir-rigward, għall-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006, imsemmi hawn fuq, u għall-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Novembru 2002 bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-aċċess mill-Parlament Ewropew għal Informazzjoni Sensittiva tal-Kunsill fil-qasam tal-politika tas-sigurtà u tad-difiża[1]; ifisser id-determinazzjoni tiegħu li jeżerċita s-setgħa baġitarja u l-iskrutinju demokratiku tiegħu fir-rigward tal-PESK b'rabta mal-innovazzjonijiet istituzzjonali kollha, inklużi l-arranġamenti ta' finanzjament għall-SEAE;

17. Jinnota li t-Trattat ta' Lisbona jestendi l-proċedura ta' kunsens għall-ftehimiet kollha marbuta mal-oqsma li għalihom tapplika l-proċedura leġiżlattiva ordinarja u jsaħħaħ id-dritt tal-Parlament li jinżamm informat kif xieraq mill-Kummissjoni dwar il-progress tan-negozjati ta' ftehimiet internazzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 218 tat-Trattat FUE; għalhekk jikkunsidra li n-negozjar ta' Ftehim Interistituzzjonali ġdid mal-Parlament għandu jitqies sabiex il-Parlament jingħata definizzjoni sostantiva tal-involviment tiegħu f'kull stadju tan-negozjati li jwasslu għall-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali;

18. Iħeġġeġ lill-Kunsill tal-Ministri tal-Affarijiet Barranin biex jaġixxi permezz ta' votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata (QMV) kull meta t-Trattat jistipula li għandu jsir hekk;

19. Hu tal-fehma li l-Artikoli 42(2) u (7) tat-Trattat UE flimkien mal-Artikolu 10 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, jinvalida l-funzjonijiet residwi tal-Unjoni Ewropea tal-Punent; għaldaqstant jistieden lill-Istati Membri konċernati tal-UE sabiex jaġixxu skont l-Artikolu XII tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea tal-Punent u sabiex jagħtu preavviż ta' sena tal-intenzjoni tagħhom li joħorġu mit-Trattat; ifakkar li d-dritt ta' skrutinju parlamentari fuq attivitajiet tal-PESK u tal-PSDK hu tal-Parlament Ewropew u tal-parlamenti nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE;

***Kwistjonijiet tal-PESK ta' natura tematika***

20. Għadu mħasseb dwar is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija u l-kriżijiet ripetuti tal-gass bħall-kriżi Russja-Ukraina ta' Jannar 2009, li enfasizzat id-dipendenza dejjem akbar tal-UE f'termini ta' enerġija fuq is-sorsi tal-provvista u r-rotot ta' tranżitu; jenfasizza wkoll il-ħtieġa li tiġi evitata d-dipendenza enerġetika tal-UE fuq pajjiżi terzi, li ddgħajjef l-indipendenza tal-politika barranija tal-UE; ifakkar fil-ħtieġa urġenti li jiġu indirizzati l-isfidi enerġetiċi permezz tal-implimentazzjoni ta' politika tal-enerġija esterna Ewropea

[1] ĠU C 298, 30.11.2002, p.1.

komuni; f'dan ir-rigward, jistieden lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli sabiex issegwi b'determinazzjoni r-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Parlament għall-iżvilupp ta' politika koerenti u koordinata, b'mod partikolari billi tippromwovi l-koeżjoni tal-UE fi djalogu kostruttiv mal-fornituri tal-enerġija, b'mod speċjali r-Russja u l-pajjiżi ta' tranżitu, tappoġġja l-prijoritajiet tal-UE rigward l-enerġija u tiddefendi l-interessi komuni tal-Istati Membri, billi tiżviluppa diplomazija enerġetika effettiva u mekkaniżmi aktar effiċjenti biex jirrispondu għal sitwazzjonijiet ta' kriżi, u, fl-aħħar nett, billi tippromwovi d-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-enerġija, l-użu sostenibbli tal-enerġija u l-iżvilupp tas-sorsi ta' enerġija li tiġġedded; jisħaq fuq il-fatt li huwa biss approċċ komuni tal-UE li jista' jipprevjeni kull nuqqas fil-ġejjieni fil-provvisti taż-żejt u tal-gass tal-Istati Membri u li jista' jżid is-sigurtà tal-UE kollha fir-rigward tal-enerġija;

21. Jilqa' b'sodisfazzjon l-iffirmar tal-ftehim dwar il-proġett Nabucco; jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jagħmlu ħilithom sabiex dak il-ftehim ikun implimentat b'suċċess; jenfasizza l-importanza li tkun garantita s-sigurtà enerġetika tal-UE billi jiġi promoss passaġġ fin-Nofsinhar għall-provvista ta' żejt mhux raffinat lill-Ewropa, anke via l-pipeline taż-żejt pan-Ewropew Constanţa–Trieste;

22. Jemmen li theddidiet u kunflitti potenzjali sinifikanti joħorġu mill-kompetizzjoni intensifikata għall-aċċess għar-riżorsi naturali u enerġetiċi u l-kontroll tagħhom, u konsegwentement li l-UE għandha tiżviluppa b'mod ulterjuri politiki ta' mitigazzjoni, adattament konservazzjoni tal-enerġija bil-għan li jiġu indirizzati r-riskji għas-sigurtà li joħolqu d-degradazzjoni ambjentali u t-tibdil fil-klima; jenfasizza f'dan is-sens li l-UE trid issaħħaħ il-pożizzjoni mexxejja tagħha fil-governanza globali tal-klima u tiżviluppa aktar djalogu ma' atturi ewlenin oħra bħall-ekonomiji emerġenti (iċ-Ċina, il-Brażil, ir-Russja, l-Indja), l-Istati Uniti u l-pajjiżi li qed jiżviluppaw, minħabba li t-tibdil fil-klima sar element kruċjali tar-relazzjonijiet internazzjonali;

23. Jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-fatt li l-Unjoni tibqa' tikkontribwixxi b'mod attiv u effikaċi sabiex jinstab tarf ta' kwistjonijiet globali, anke permezz tat-tisħiħ tas-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti u billi tingħata importanza speċjali lill-konsolidament tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem u lill-abolizzjoni tal-piena tal-mewt;

24. Jikkummenta dwar l-importanza tal-prevenzjoni u l-immaniġġjar tal-kunflitti, inklużi r-riabilitazzjoni u r-rikostruzzjoni ta' wara l-kunflitti; jenfasizza l-ħtieġa li l-UE tiżviluppa aktar l-istrateġiji preventivi, ittejjeb it-twissija bikrija u ssaħħaħ il-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet reġjonali skont il-Karta tan-NU;

25. Jenfasizza li d-dimensjoni esterna hija kruċjali għall-kisba b'suċċess ta' Żona Ewropea ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja; itenni l-importanza ta' mmaniġġjar tal-immigrazzjoni b'ordni; meta jitqies dan kollu, jilqa' b'sodisfazzjon l-adozzjoni tal-Programm ta' Stokkolma mill-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2009; iqis li huwa essenzjali li tkun żgurata l-kooperazzjoni kemm tal-pajjiżi tal-oriġini kif ukoll tal-pajjiżi tat-tranżitu, kif ukoll li titħeġġeġ attitudni ta' kooperazzjoni soċjali bl-applikazzjoni ta' politika ta' kundizzjonalità pożittiva; isemmi l-ħtieġa li tiġi evitata l-immigrazzjoni illegali billi jiġi promoss l-iżvilupp lokali fil-pajjiżi ta' oriġini u jiġu miġġielda l-organizzazzjonijiet kriminali li jittraffikaw fil-persuni; jinsisti li d-dimensjoni esterna taż-Żona Ewropea ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja trid titqies għalkollox fil-politika barranija Ewropea;

26. Jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu l-kapaċitajiet għal monitoraġġ aħjar tal-missjonijiet ċivili u militari tal-Unjoni u sabiex tippermetti li jinstiltu lezzjonijiet mill-mod ta' kif jitwettqu, sabiex jitjieb l-ippjanar u l-ġestjoni ta' missjonijiet ġejjiena; f'dan ir-rigward, jenfasizza wkoll il-ħtieġa ta' approċċ aktar strateġiku għall-missjonijiet tal-PSDK; jissuġġerixxi li l-Laqgħat ta' Konsultazzjoni Konġunta regolari jkollhom ukoll l-għan li jevalwaw is-suċċessi u n-nuqqasijiet ta' missjonijiet kompluti sabiex jgħinu biex tiġi żviluppata approċċ li jħares 'il quddiem għall-ħtiġijiet tal-futur u li jħaddan l-aspetti kollha (il-finanzi, l-implimentazzjoni, l-organizzazzjoni amministrattiva);

27. Jistieden lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli, lill-Kunsill u lill-Istati Membri biex jirranġaw l-iżbilanċ fil-kapaċitajiet ta' ppjanar ċivili u militari fis-Segretarjat tal-Kunsill u biex jipprovdu għadd xieraq ta' staff fl-oqsma tal-ġustizzja, l-amministrazzjoni ċivili, id-dwana u l-medjazzjoni sabiex ikun żgurat li l-missjonijiet tal-PSDK jingħataw għarfien tekniku suffiċjenti u xieraq;

28. F'dan ir-rigward, jitlob li l-komponent ċivili jkollu staff adegwat u jħeġġeġ lill-Istati Membri jużaw l-opportunità kbira mogħtija mill-SEAE biex jiġbru flimkien ir-riżorsi disponibbli attwalment sabiex tinkiseb kapaċità ta' ppjanar tal-immaniġġjar tal-kriżijiet li tkun effikaċi u effiċjenti;

29. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jirduppjaw l-isforzi tagħhom sabiex isibu u jiskjeraw għadd suffiċjenti ta' persunal adattat, kwalifikat u bbilanċjat mil-lat ta' sessi biex jieħdu sehem fi sforzi ċivili u militari tal-PSDK fid-dinja kollha f'qafas koerenti u kkoordinat sew, anke f'żoni b'ħafna riskju, minħabba li s-suċċess tal-missjonijiet tal-PSDK jiddependi ħafna mill-ħiliet u mill-għarfien ta' persunal imħarreġ tajjeb; f'dan ir-rigward, jitlob taħriġ komuni tal-persunal tal-missjonijiet tal-PSDK; jappoġġja bis-sħiħ l-isforzi li diġà saru f'termini tal-iżvilupp ta' linji gwida u l-iskambju tal-aħjar prattiki bil-ħsieb li jittejjeb it-taħriġ komuni għall-persunal; hu konvint li iżjed koerenza u koeżjoni fuq il-post fir-rigward tal-persunal se jsaħħu t-tmexxija tal-missjonijiet u jiffaċilitaw ukoll l-issekondar ta' ċittadini tal-UE, li, minn perspettiva purament baġitarja, aħjar milli jintuża persunal internazzjonali b'kuntratt;

30. Jistieden lill-Kunsill Ewropew u lill-Kummissjoni jintensifikaw sehem l-UE f'negozjati multilaterali sabiex titnaqqas l-importanza tal-armi nukleari;

31. Itenni l-ħtieġa għad-diżarm u għal garanziji internazzjonali msaħħa ta' nonproliferazzjoni; f'dan ir-rigward, jilqa' b'sodisfazzjon id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-4 ta' Diċembru 2009 li biha l-President tal-Istati Uniti tal-Amerika u l-President tal-Federazzjoni Russa impenjaw ruħhom li jibqgħu jaħdmu flimkien wara li ma jibqax jgħodd it-Trattat dwar it-Tnaqqis tal-Armi Strateġiċi (START) u jistenna b'ħerqa li mill-aktar fis possibbli jiġi ffirmat u jidħol fis-seħħ patt ġdid dwar l-armi strateġiċi; fl-istess żmien, jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex isaħħu l-isforzi diplomatiċi tagħhom sabiex issir reviżjoni b'suċċess tat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni tal-Armi Nukleari f'Mejju 2010;

32. Jenfasizza l-importanza tal-fatt li l-objettivi tal-ugwaljanza bejn is-sessi, id-drittijiet tal-bniedem u l-governanza tajba jkunu integrati b'mod sħiħ mal-ippjanar u mat-twettiq tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet kollha tal-PSDK, inklużi missjonijiet ta' sejbien ta' fatti, għax il-kuxjenza u s-sensittività tas-sessi jikkontribwixxu għall-effikaċja operattiva u l-kuxjenza tas-sitwazzjoni; f'dan il-kuntest, jilqa' l-ħatra ta' konsulent dwar kwistjonijiet tas-

sessi fi kważi l-missjonijiet kollha tal-PSDK; jiddispjaċih li m'hemmx nisa fost il-11-ir RSUE; jistieden lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli sabiex fid-djalogu politiku tal-UE u fid-diskussjonijiet ta' politika mal-pajjiżi msieħba tinkludi sistematikament l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tar-rwol tan-nisa;

33. Ifaħħar ir-rwol importanti tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fid-dinja kollha; jilqa' b'sodisfazzjon kbir il-fatt li l-Kunsill tal-Affarijiet Barranin, fil-laqgħa tiegħu tat-8 ta' Diċembru 2009, fisser l-impenn tiegħu li jappoġġja lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, permezz ta' laqgħat pubbliċi magħhom u billi jippubbliċizzaw l-attivitajiet tagħhom;

34. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinkludi l-aspetti tad-drittijiet tal-bniedem u tal-governanza tajba fil-mandati tar-RSUE u sabiex jaħtru konsulenti dwar id-drittijiet tal-bniedem u dwar il-governanza tajba għal pożizzjonijiet tal-persunal tar-RSUE;

***Prijoritajiet ewlenin fiż-żoni ġeografiċi***

35. Jirrakkomanda li l-UE għandha ssaħħaħ id-djalogu politiku tagħha ma' pajjiżi u reġjuni terzi, b'mod partikulari ma' msieħba strateġiċi li magħhom tista' tikkoordina pożizzjonijiet fl-organizzazzjonijiet internazzjonali u tippromwovi d-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem; f'dan ir-rigward, itenni r-rwol importanti tad-diplomazija parlamentari bħala għodda supplimentari fir-relazzjonijiet tal-Unjoni ma' pajjiżi u reġjuni terzi; għaldaqstant hu tal-fehma li l-Viċi President/Rappreżentant Għoli u s-servizzi tagħha inklużi r-RSUE għandhom jaħdmu mal-Parlament sabiex ifasslu strateġiji komuni lejn pajjiżi u reġjuni msieħba u għandhom ikunu disponibbli sabiex jassistu l-Parlament bil-fomm u bil-miktub rigward kwistjonijiet u żjajjar speċifiċi;

36. Jitlob lill-Kunsill, l-Istati Membri u l-Viċi President/Rappreżentant Għoli biex b'mod attiv ifittxu soluzzjonijiet paċifiċi għal kunflitti internazzjonali u biex isaħħu l-mekkaniżmi tal-prevenzjoni tal-kunflitti tal-UE;

*Organizzazzjonijiet internazzjonali*

37. Jenfasizza li n-Nazzjonijiet Uniti hi l-garanti prinċipali tal-paċi u s-sigurtà internazzjonali u l-aktar qafas komprensiv għall-kooperazzjoni multilaterali; huwa tal-fehma li t-tisħiħ tal-governanza globali, l-istituzzjonijiet internazzjonali u r-rispett għal-liġi internazzjonali huma ta' importanza kbira għall-multilateraliżmu effettiv, u li għalhekk għandhom ikunu prijorità strateġika importanti għall-Unjoni; iqis li l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri għandhom ikomplu bl-isforzi tagħhom biex japprofondixxu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni ma' msieħba strateġiċi b'influwenza dinjija, b'mod partikolari fin-Nazzjonijiet Uniti; f'dan is-sens, jisħaq fuq l-urġenza li jiġu indirizzati kwistjonijiet globali ta' tħassib komuni għall-istabilità tal-UE u tad-dinja, bħalma huma t-terroriżmu, il-kriminalità organizzata, is-sigurtà enerġetika, it-tibdil fil-klima, il-kisba b'suċċess tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju u l-qerda tal-faqar, l-immaniġġjar tal-kriżijiet, il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni tal-kunflitti, in-nonproliferazzjoni tal-armi għall-qerda tal-massa u d-diżarm, l-immaniġġjar tal-migrazzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet ċivili;

38. Iqis li hu essenzjali li d-delegazzjonijiet relevanti tal-UE fil-kwartieri ġenerali fi New York u f'Ġinevra jingħataw l-għodda adekwati, f'termini ta' mezzi u ta' persunal, sabiex

ikunu jistgħu b'mod kredibbli u effettiv joffru fil-prattika l-arranġamenti istituzzjonali ġodda skont it-Trattat ta' Lisbona; jinnota bi tħassib, għaldaqstant, li approċċ ta' newtralità baġitarja jmur kontra din il-ħtieġa urġenti li b'ħeffa u effiċjenza tiġi stabbilita l-preżenza tal-UE fin-NU waqt il-fażi inizjali tal-implimentazzjoni tat-Trattat ta' Lisbona;

39. Jemmen li l-OSKE tipprovdi qafas importanti biex terġa' tinkiseb il-fiduċja u tiżdied il-kooperazzjoni bejn il-pajjiżi tal-Ewropa, tal-Asja Ċentrali u tal-Amerika ta' Fuq fuq għadd ta' kwistjonijiet, inklużi n-nonproliferazzjoni, id-diżarm, il-kooperazzjoni ekonomika u l-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt; għalhekk jappoġġja t-tisħiħ tal-OSKE anke fis-sens li tinfetaħ id-diskussjoni biex tingħata personalità legali;

40. Bla ħsara għall-obbligi internazzjonali tal-UE skont il-Karta tan-NU, hu tal-fehma li l-UE u n-NATO għandhom jiżviluppaw sħubija aktar intensa u effettiva, li tqis l-iżvilupp progressiv tal-politika barranija, tas-sigurtà u tad-difiża tal-UE filwaqt li tirrispetta l-awtonomija tat-teħid tad-deċiżjonijiet taż-żewġ organizzazzjonijiet; għal dan il-għan, jirrakkomanda reviżjoni tal-hekk imsejħa arranġamenti Berlin-Plus u l-iżvilupp ta' djalogu aktar strateġiku dwar l-interessi strateġiċi komuni u l-ippjanar ta' kontinġenza; iħeġġeġ il-faċilitazzjoni ta' kooperazzjoni prattika aktar wiesgħa fil-post fil-livell militari u ċivili, b'mod partikulari meta ż-żewġ organizzazzjonijiet joperaw fl-istess teatru ta' missjonijiet; jikkundanna f'dan ir-rigward il-ġlieda kontinwa bejn it-Turkija u Ċipru li qed tfixkel iżjed u iżjed l-effikaċja u l-kredibilità kemm tal-UE kif ukoll tan-NATO;

*Relazzjonijiet Transatlantiċi*

41. Itenni l-impenn tiegħu għas-sħubija transatlantika bħala element importanti u wieħed mill-pilastri ewlenin tal-azzjoni esterna tal-UE; iħeġġeġ lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli sabiex tiżgura li l-UE taġixxi ta' sieħba koerenti, attiva, ugwali u madankollu awtonoma tal-Istati Uniti fit-tisħiħ tas-sigurtà u tal-istabilità dinjija, fil-promozzjoni tal-paċi u tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u s-suċċess tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju, u fl-adozzjoni ta' approċċ magħqud fl-iffaċċjar ta' sfidi dinjija bħall-proliferazzjoni nukleari, it-terroriżmu, it-tibdil fil-klima u s-sigurtà tal-enerġija; hu tal-fehma li t-Trattat ta' Lisbona joffri opportunità propizja għal titjib u tiġdid tal-qafas tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Istati Uniti; iħeġġeġ lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli sabiex taħdem lejn it-tisħiħ tal-mekkaniżmi istituzzjonali tal-UE u tal-Istati Uniti skont ir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament; jenfasizza li x-xogħol tal-Kunsill Ekonomiku Transatlantiku għandu bżonn jissaħħaħ biex jintlaħaq l-għan ta' suq transatlantiku ġenwin u integrat, u li suq bħal dan għandu jipprovdi l-bażi għal sħubija transatlantika rinfurzata;

42. Jistieden liż-żewġ imsieħba, l-UE u l-Istati Uniti, sabiex jinkoraġġixxu liċ-Ċina, l-Indja, ir-Russja, il-Brażil u setgħat emerġenti oħra sabiex jaqsmu bejniethom ir-responsabilità għall-ordni dinji u għall-prevenzjoni u għas-sejba paċifika ta' soluzzjoni għall-kunflitti b'konformità mal-liġi internazzjonali; jinsisti li, filwaqt li l-UE u l-Istati Uniti għandhom joffru appoġġ sħiħ għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali ta' dawn il-pajjiżi fuq il-bażi ta' kooperazzjoni ġusta, dawn il-pajjiżi għandhom ukoll jaċċettaw ir-responsabilitajiet globali tagħhom speċjalment għall-ġlieda kontra l-bidla fil-klima u għall-iżvilupp sostenibbli;

*Il-Balkani tal-Punent*

43. Jenfasizza li l-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent huma parti mill-proċess ta' tkabbir; iqis li l-istabilità fil-Balkani tal-Punent ibbażata fuq l-istat ta' dritt għandha tibqa' prijorità ewlenija tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, u għaldaqstant jorbot l-akbar importanza mal-isforzi biex il-pajjiżi ta' dak ir-reġjun joqorbu lejn l-UE, bl-għan komuni ta' integrazzjoni Ewropea inter alia permezz tal-promozzjoni ta' riformi u titjib fil-kooperazzjoni reġjonali u r-rikonċiljazzjoni interetnika sabiex jiġu ssodisfati l-kriterji ta' Kopenħagen u jkunu ppreparati għall-adeżjoni; jirrakkomanda li għandha ssir konferenza internazzjonali dwar il-futur tal-Balkani tal-Punent, li tgħaqqad il-pajjiżi fir-reġjun u l-atturi reġjunali u globali relevanti sabiex jiġu identifikati u indirizzati l-isfidi attwali li jaffaċċja r-reġjun;

44. Jinnota b'sodisfazzjon li s-sitwazzjoni fil-Kosovo b'mod ġenerali hi dejjem aktar paċifika u stabbli, kif ukoll l-isforzi għall-bini ta' soċjetà multietnika, kif muri permezz tal-elezzjonijiet lokali li saru fil-15 ta' Novembru 2009, b'mod kalm u bl-ordni; huwa konxju li mhux l-Istati Membri kollha rrikonoxxew l-indipendenza tal-Kosovo; jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-missjoni EULEX għall-istat tad-dritt fil-Kosovo, li hi l-akbar missjoni ċivili tal-PSDK imnedija s'issa fl-UE, qed taħdem b'kapaċità operattiva sħiħa fuq il-bażi tal-approċċ ta' status newtrali tan-Nazzjonijiet Uniti; jenfasizza l-importanza tal-missjoni fil-promozzjoni tar-rikonċiljazzjoni interetnika, l-istat tad-dritt, l-ordni pubbliku u s-sigurtà fil-Kosovo kollu kemm hu, permezz ta' assistenza lill-istituzzjonijiet, l-awtoritajiet ġudizzjarji u l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi tal-Kosovo fil-progress tagħhom lejn is-sostenibilità u r-responsabbilizzazzjoni; f'dan ir-rigward, jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni tal-ftuħ ta' uffiċċju ieħor tal-UE fit-Tramuntana; madankollu, jinnota l-ħtieġa li jiżdied l-għadd ta' prosekuturi li jaħdmu mal-EULEX, u jistieden lill-Istati Membri sabiex jipprovdu persunal addizzjonali;

45. Iħeġġeġ lill-Kunsill jissokta bl-isforzi tiegħu, bl-appoġġ tal-komunità internazzjonali, biex jissokta d-djalogu mal-mexxejja politiċi fil-Bosnja-Ħerzegovina biex dak il-pajjiż u l-popli tiegħu jiġu megħjuna jibqgħu fit-triq li twassal għall-integrazzjoni Ewropea; konsegwentement jinnota l-isforzi diplomatiċi konġunti mill-Presidenza tal-UE, il-Kummissjoni Ewropea u l-amministrazzjoni tal-Istati Uniti, u jirrakkomanda aktar negozjati li jqisu arranġamenti preċedenti bejn il-politiċi fil-Bosnja-Ħerzegovina; ifakkar fil-ħtieġa li d-deputati u s-soċjetà ċivili jkunu involuti aktar mill-qrib fl-appoġġ għal pajjiż vijabbli;

*Sħubija tal-Lvant, kooperazzjoni tal-Baħar l-Iswed*

46. Ikompli jappoġġa l-iżvilupp tas-Sħubija tal-Lvant mal-ġirien Ewropej tal-Unjoni, filwaqt li jintegrahom ekonomikament fis-suq intern u jintensifika l-kooperazzjoni politika, ekonomika u kulturali; jenfasizza l-importanza li din is-sħubija tiġi pprovduta bi proġetti kredibbli u l-importanza ta' inċentivi tanġibbli għal riforma fuq medda ta' żmien medja u twila, li ssaħħaħ l-impenn tas-soċjetajiet fil-pajjiżi msieħba għall-proċess ta' modernizzazzjoni u integrazzjoni mal-UE; b'mod partikolari, isemmi l-ħtieġa, li filwaqt li tinżamm is-sigurtà għaċ-ċittadini kollha tal-UE, jitneħħew b'mod progressiv l-ostakoli kollha għall-moviment ħieles tal-persuni (anke, eventwalment, l-ivvjaġġar mingħajr viża) u sabiex titjieb il-kooperazzjoni fl-aspetti kollha tas-sigurtà, b'mod speċjali s-sigurtà enerġetika; itenni l-fehma tiegħu li s-sħubija jeħtieġ tingħata riżorsi finanzjarji adegwati; jenfasizza l-bżonn li jiġi żgurat li s-Sħubija tkun kumplimentari mal-inizjattivi reġjonali, b'mod partikolari s-Sinerġija tal-Baħar l-Iswed;

47. Jerġa' jafferma l-importanza għall-UE ta' kooperazzjoni reġjonali iżjed effettiva fil-Viċinat tal-Lvant, li fl-ispirtu tagħha l-UE se tappoġġa l-implimentazzjoni ta' proġetti mitfugħa fuq ir-riżultati kemm skont is-Sħubija tal-Lvant kif ukoll is-Sinerġija tal-Baħar l-Iswed, b'kumplimentarjetà sħiħa;

48. Jistieden lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli biex iżżid l-isforzi biex jiġu implimentati proġetti taħt is-Sinerġija tal-Baħar l-Iswed; iħeġġeġ ukoll lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli biex tiżviluppa ideat ġodda għal Strateġija ta' Kooperazzjoni effettiva tal-Baħar l-Iswed, li jistgħu jinkludu l-Patt ta' Stabbiltà għal dak ir-reġjun;

49. Jilqa' l-pożizzjoni pro-Ewropea tal-gvern il-ġdid tar-Repubblika tal-Moldova u jesprimi t-tama tiegħu li r-riformi interni tal-pajjiż jitħaffu b'tali mod li jinkisbu l-integrazzjoni ekonomika, l-assoċjazzjoni politika u l-approssimazzjoni istituzzjonali bejn ir-Repubblika tal-Moldova u l-UE; iħeġġeġ lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli biex jidentifika s-soluzzjonijiet multilaterali biex titranġa s-sitwazzjoni fit-Transnistrija;

50. Jinnota li saru l-elezzjonijiet presidenzjali fl-Ukraina, u r-riżultat taħghom; jistieden lill-partijiet kollha biex jikkontribwixxu għall-istabbiltà politika, ekonomika u soċjali meħtieġa fl-Ukraina billi jsaħħu l-isforzi ta' riforma; jinkoraġġixxi lill-pajjiż biex jikseb interoperabilità akbar mal-Unjoni Ewropea, biex b'hekk tiġi kkonsolidata l-prospettiva Ewropea tagħha;

*Russja*

51. Jistieden lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli sabiex tiżgura li l-approċċ tal-UE lejn ir-Russja, inklużi n-negozjati ta' Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni ġdid, ikun koerenti u mmexxi minn impenn lejn il-valuri tad-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, inkluż id-dritt internazzjonali; jenfasizza fl-istess ħin il-ħtieġa għal sħubija bi spinta ġdida mar-Russja, ibbażata fuq ir-rispett reċiproku u r-reċiproċità, dwar il-kwistjonijiet tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, is-sigurtà u l-provvista tal-enerġija, it-tibdil fil-klima, id-diżarm, il-prevenzjoni tal-kunflitti u nonproliferazzjoni nukleari kif ukoll fir-rigward tal-Iran, l-Afganistan u l-Lvant Nofsani, bil-għan li jissaħħu s-sigurtà u l-istabilità dinjija; huwa tal-fehma li l-kooperazzjoni dwar tali kwistjonijiet għandha tifforma l-bażi għal ftehim ġdid bejn l-UE u r-Russja, u għalhekk jistenna bil-ħerqa progress mgħaġġel fin-negozjati attwali dwar ftehim komprensiv ġdid li hu mistenni li jkabbar sostanzjalment ir-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja; iħeġġeġ lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli biex tikkoordina l-azzjonijiet, tiffaċilita l-konsultazzjoni u ttejjeb il-komunikazzjoni bejn l-Istati Membri fir-rigward ta' kwistjonijiet bilaterali ta' interess komuni mal-Federazzjoni Russa; jenfasizza l-ħtieġa għall-Istati Membri biex jikkoordinaw ir-relazzjonijiet tagħhom mal-Federazzjoni Russa fuq il-bażi tal-interessi ġenerali tal-Unjoni u b'tali mod li jirriflettu u jippromwovu dawn l-interessi b'mod adegwat u konsistenti;

*Kawkasu tan-Nofsinhar*

52. Iħeġġeġ lill-Kunsill sabiex jinsisti dwar l-implimentazzjoni sħiħa tal-ftehim ta' waqfien mill-ġlied bejn il-Federazzjoni Russja u l-Ġeorġja u jistieden lill-UE sabiex tħares il-prinċipju tal-integrità territorjali tal-Ġeorġja u r-rispett tal-minoranzi; jilqa' b'sodisfazzon it-tiġdid tal-mandat tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-UE u jħeġġeġ lill-Kunsill sabiex

jiżgura li s-superviżuri tal-UE jingħataw aċċess sħiħ għaż-żoni kollha milquta mill-kunflitt inklużi r-reġjuni tal-Abkażja u tal-Ossezja tan-Nofsinhar li nqatgħu mill-bqija tal-pajjiż, u għal dan il-għan, biex jużaw l-istrumenti finanzjarji tal-UE biex jgħinu l-popolazzjonijiet fiż-żona kollha li tinsab f'kunflitt; jistieden lill-UE, b'referenza għar-rapport tal-Missjoni Internazzjonali Indipedenti għat-Tiftix tal-Fatti dwar il-Kunflitt fil-Ġeorġja, sabiex jużaw il-lezzjonijiet tal-passat sabiex jiżviluppaw mekkaniżmi effettivi ta' prevenzjoni tal-kunflitti inkluża l-promozzjoni ta' kuntatti interpersonali;

53. Iħeġġeġ lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli sabiex tintensifika l-isforzi tal-UE f'ħidma għal prevenzjoni effettiva tal-kunflitti u riżoluzzjoni paċifika skont id-dritt internazzjonali tal-kunflitti f'Nagorno-Karabakh u fi Transnistria u fuq kollox, il-kunflitt bejn ir-Russja u l-Ġeorġja u r-reġjuni tal-Ossezja tan-Nofsinhar u tal-Abkażja li nqatgħu minn mal-pajjiż billi tingħata spinta ġdida lit-taħditiet ta' Ġinevra; jisħaq fuq il-potenzjal perikoluż ta' tixrid ta' kunflitti ffriżati fir-reġjun; f'dan il-kuntest, jirrakkomanda t-twaqqif ta' Konferenza dwar is-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fil-Kawkasu tan-Nofsinhar, li tiġbor il-pajjiżi kkonċernati u l-atturi reġjonali u globali relevanti, bil-għan li jiġi żviluppat Patt ta' Stabilità għall-Kawkasu tan-Nofsinhar; jilqa' b'sodisfazzjon l-avviċinament reċenti bejn il-gvernijiet tat-Turkija u tal-Armenja, u jħeġġeġ ir-ratifika tal-ftehimiet mill-parlamenti rispettivi tagħhom;

*Lvant Nofsani*

54. Jenfasizza l-ħtieġa li n-negozjati għall-Proċess tal-Paċi jitwettqu fi żmien limitat u fi klima ta' fiduċja reċiproka; iqis li l-għan tagħhom għandu jkun il-ħolqien ta' Stat Palestinjan indipendenti, demokratiku u vijabbli fi ħdan il-fruntieri tal-1967, li jgħix bieb ma' bieb mal-Istat ta' Iżrael fil-paċi u s-sigurtà bi fruntieri rikonoxxuti internazzjonalment b'konformità mar-riżoluzzjonijiet kollha relevanti tan-NU;

55. Jistieden lill-UE, b'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2009, biex tassumi rwol politiku aktar b'saħħtu fl-isforzi internazzjonali li għaddejjin bħalissa għat-tnedija tal-Proċess ta' Paċi, proporzjonali mal-impenn finanzjarju tagħha li tappoġġja l-irkupru ekonomiku Palestinjan u li tindirizza l-kriżi umanitarja drammatika f'Gaża; jistieden lill-Viċi-President/Rappreżentant Għoli sabiex tikkunsidra l-mezzi kollha għall-promozzjoni ta' paċi dejjiema fir-reġjun;

56. Jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni tal-Kunsill li jestendi l-mandat tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) sa Diċembru 2010; jemmen li jinħtieġ appoġġ aktar robust għall-iżvilupp tal-istat tad-dritt u tal-kapaċitajiet tal-pulizija, u jitlob li jkun hemm sforzi intensifikati f'dan ir-rigward; jieħu nota tad-deċiżjoni tal-Kunsill li jestendi l-mandat tal-Missjoni tal-UE ta' Assistenza fil-Fruntiera tal-UE f'Rafah (EUBAM Rafah) u d-determinazzjoni u d-dispożizzjoni tiegħu li jerġa' jattiva dik il-missjoni; jemmen li din id-determinazzjoni għandha tirriżulta f'inizjattivi konkreti sabiex jerġa' jiġi stabbilit il-moviment ħieles fit-Territorji Palestinjani u sabiex jerġa' jiġi attivat il-Ftehim dwar l-Aċċess u l-Moviment, innegozjat fl-2005, li kienu ffirmaw il-partijiet;

*Unjoni għall-Mediterran*

57. Iqis li hu importanti li jiġi intensifikat id-djalogu politiku bejn il-membri tal-Unjoni għall-

Mediterran fil-livelli kollha sabiex jintrebħu t-tensjonijiet li ħolqu dewmien fit-twaqqif tas-Segretarjat ibbażat f'Barċellona u l-promozzjoni ta' proġetti konkreti ta' interess soċjali, ekonomiku u ekoloġiku reċiproku; jittama li l-Unjoni għall-Mediterran tista' tikkontribwixxi b'mod pożittiv għar-riżoluzzjoni tal-kunflitti fil-Lvant Nofsani, l-avviċinament bejn it-Turkija u Ċipru, u l-iżvilupp demokratiku tal-istati Għarab;

58. Jenfasizza li, minn perspettiva tal-UE, il-kopresidenza trid tkun kumpatibbli mar-rappreżentanza esterna tal-UE skont it-Trattat ta' Lisbona; ifakkar li t-Trattat ta' Lisbona jipprovdi opportunità għall-UE li tiżgura konsistenza, koerenza u kontinwità fir-rappreżentanza tagħha fl-istituzzjonijiet il-ġodda tal-Unjoni għall-Mediterran;

*Asja*

59. Jinnota li l-Afganistan wara l-elezzjonijiet issa dieħel f'perjodu deċiżiv u kritiku, bil-formazzjoni ta' gvern ġdid f'Kabul li jipprovdi l-opportunità li tinħoloq aġenda ġdida u kuntratt ġdida mal-poplu Afgan;

60. Jilqa' b'sodisfazzjon il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kunsill għal azzjoni msaħħa tal-UE fl-Afganistan u fil-Pakistan, adottat fil-Kunsill tal-Affarijiet Ġenerali u r-Relazzjonijiet Esterni ta' Ottubru 2009, u fid-dikjarazzjoni tiegħu tad-dispożizzjoni mġedda tiegħu li jgħin sabiex jintlaqgħu l-isfidi tar-reġjun, f'kooperazzjoni mal-pajjiżi konċernati u l-imsieħba internazzjonali, iżda jenfasizza li l-Pjan se jibqa' biss pjan sakemm ma jkunx hemm impenn ċar mill-Istati Membri tal-UE li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tiegħu; jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Presidenza Svediża sabiex jagħmlu sforz għalenija biex jimplimentaw il-Pjan mingħajr dewmien u qabel tmiem is-sena 2009; iħeġġeġ lill-Kunsill sabiex jagħmel aktar progress lejn l-iskjerar sħiħ ta' persunal fil-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea sabiex jiġu stabbiliti arranġamenti sostenibbli u effettivi tal-pulizija ċivili li jkunu kapaċi jtejbu l-ambjent tas-sigurtà;

61. Jirrikonoxxi li l-Pakistan għadu qed jiffaċċja sfidi serji ħafna, u japprova l-appoġġ sod tal-UE għal gvern tal-Pakistan b'saħħtu, sekulari u ċivili; jenfasizza r-rwol ewlieni tal-Pakistan fir-reġjun u jtenni li Pakistan stabbli, demokratiku u għani huwa wkoll ċentrali għall-indirizzar ta' kwistjonijiet globali bħall-ġlieda kontra t-terroriżmu, in-nonproliferazzjoni nukleari, il-ġlieda kontra d-drogi u d-drittijiet tal-bniedem, u jħeġġu bis-sħiħ li jadotta strateġija komprensiva sabiex jiġi miġġieled it-terroriżmu u jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tiegħu;

62. Japprova l-impenn tal-UE li tappoġġa d-demokrazija f'Iraq federali, magħqud; jenfasizza l-appoġġ tiegħu għall-impenn b'saħħtu u kontinwu tal-UE għall-iżvilupp tal-istat tad-dritt fl-Iraq, u jilqa' b'sodisfazzjon l-estensjoni tal-mandat tal-missjoni EUJUST LEX għal sena u l-attivitajiet pilota tagħha fit-territorju tal-Iraq;  jistenna b'ħerqa x-xogħol ulterjuri maħsub f'dan il-kuntest, kif imwiegħed mill-Kunsill; jitlob interazzjoni istituzzjonali miżjuda, b'mod partikolari fi kwistjonijiet ekonomiċi mal-awtoritajiet tal-Gvern Reġjonali Kurd; jitlob lill-Kummissjoni biex tgħaġġel il-ftuħ tal-bini tagħha stess f'Baghdad;

63. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar l-iżviluppi politiċi fl-Iran u l-frodi elettorali massiva rrappurtata matul l-elezzjonijiet presidenzjali ta' Ġunju 2009, li qajmet l-ikbar moviment ta' protesta fit-30 sena ta' storja tar-Repubblika Iżlamika, b'dimostrazzjonijiet u ripressjoni vjolenti mill-forzi tas-sigurtà li għadhom għaddejjin; jinsab imħasseb sew mhux biss dwar

l-arresti, it-tortura u l-qtil ta' avversarji politiċi imma wkoll dwar il-qagħda wieqfa kontinwa fin-negozjati dwar il-programm nukleari tal-Iran, u jitlob lill-Gvern Iranjan biex jieħu sehem f'negozjati serji dwar il-kwistjoni nukleari; jisgħobbih li ż-żjara mid-delegazzjoni tal-Parlament Ewropew għall-Iran f'Jannar 2010 ġiet ikkanċellata mill-awtoritajiet Iranjani u esprima s-solidarjetà tiegħu ma' dawk l-Iranjani li, filwaqt li qed jirriskjaw ħajjithom, ikomplu jeżiġu b'mod pubbliku li jkun hemm rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem u libertajiet demokratiċi ikbar fl-Iran; jikkundanna l-isforzi tal-Iran biex jibblokka l-libertà tal-informazzjoni billi jwaqqaf ix-xandir barrani u l-Internet; jitlob lill-Kunsill u l-Kummissjoni biex iqisu sanzjonijiet kontra membri individwali tal-amministrazzjoni u s-servizzi tas-sigurtà responsabbli għall-ksur kbir tad-drittijiet tal-bniedem u biex joħolqu miżuri ħalli jappoġġjaw lil dawk il-parteċipanti fil-'Moviment Aħdar' li jsofru l-persekuzzjoni u/jew l-eżilju;

64. Jinnota l-fatt li r-relazzjonijiet ekonomiċi UE-Ċina għaddew minn tkabbir gradwali u li l-kuntatti bejn il-popli kibru fl-iskop u l-iskala; fl-istess ħin, jibqa' mħasseb sew dwar in-nuqqas ta' rieda min-naħa tal-awtoritajiet Ċiniżi li jittrattaw każijiet numerużi ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u li jiżguraw li l-poplu jgawdi minn drittijiet u libertajiet bażiċi;

65. Jilqa' b'sodisfazzjon l-isforzi li saru minn Taipei kif ukoll minn Pekin biex jitjiebu r-relazzjonijiet bejn iċ-Ċina kontinentali u t-Tajwan, li jgħinu biex tissaħħaħ l-istabilità u s-sigurtà fl-Asja tal-Lvant, u jħeġġeġ liż-żewġ naħat biex ikomplu jtejbu d-djalogu, il-kooperazzjoni prattika u l-bini tal-fiduċja; ifaħħar id-dikjarazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Mejju 2009, li ttenni l-appoġġ tiegħu għall-parteċipazzjoni ta' Taiwan fil-WHO; jappoġġja bis-sħiħ il-parteċipazzjoni tat-Tajwan bħala osservatur fl-organizzazzjonijiet u l-attivitajiet internazzjonali relevanti bħall-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili u l-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, fejn il-parteċipazzjoni tat-Tajwan hija importanti għall-UE u l-interessi globali;

66. Jerġa' jafferma l-appoġġ qawwi tiegħu għat-tisħiħ tar-relazzjoni strateġika bejn l-UE u l-Indja, u biex jinstabu mezzi oħra biex titjieb ir-relazzjoni f'oqsma ta' interess reċiproku fis-setturi ekonomiċi, politiċi, tas-sigurtà u tal-kummerċ;

67. Jirrikonoxxi r-rwol dejjem jikber tal-ASEAN bħala qawwa għall-istabilità u l-prosperità reġjonali; jemmen li l-Unjoni u l-ASEAN, li t-tnejn għandhom impenn għall-integrazzjoni reġjonali, għandhom potenzjal kbir għall-kooperazzjoni; jinnota li hemm bżonn ta' miżuri biex jiżdiedu r-relazzjonijiet ekonomiċi u tal-kummerċ bejn l-Unjoni u l-ASEAN sabiex jgħinu ħalli jikkonsolidaw ir-relazzjonijiet globali bejn iż-żewġ reġjuni u jħeġġu iżjed progress rigward il-kooperazzjoni u s-sigurtà politika, it-titjib tad-drittijiet tad-demokrazija u tal-bniedem u iżjed progress fil-qasam tal-enerġija u tal-ambjent, fil-qasam soċjokulturali u fil-qasam ta' kooperazzjoni u żvilupp;

*Afrika*

68. Josserva b'sodisfazzjon li l-operazzjoni EUNAVFOR Atalanta għadha tikkontribwixxi b'suċċess għas-sigurtà marittima 'l barra mill-kosta tas-Somalja billi tħares il-bastimenti mikrija lill-Programm Dinji tal-Ikel li jwasslu l-għajnuna lis-Somalja, il-bastimenti li jipprovdu merkanzija kritika għall-operazzjoni tal-Unjoni Afrikana għall-appoġġ tal-paċi fis-Somalja, u bastimenti vulnerabbli oħrajn; jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni tal-Kunsill li jestendi l-mandat tal-operazzjoni sat-12 ta' Diċembru 2010; jesprimi l-appoġġ tiegħu

għat-tnedija ta' operazzjoni tal-ġestjoni tal-kriżijiet biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi tas-Sigurtà Nazzjonali tal-Gvern Federali Tranżitorju tas-Somalja; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-forzi tas-sigurtà mħarrġa jiġu integrati fl-istrutturi tal-istat u tal-kmand biex ġaladarba jmorru lura, ma jdurux kontra l-gvern li suppost ikunu qed jipproteġu;

*Amerika Latina*

69. Ifakkar għal darba oħra fil-proposta magħmula fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Novembru 2001 dwar is-sħubija globali u l-istrateġija komuni għar-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Amerika Latina[1], sussegwentement imtennija fir-riżoluzzjonijiet tas-27 ta' April 2006[2] u l-24 ta' April 2008[3] rispettivament adottati fl-isfond tas-Samits bejn l-UE u l-Amerika Latina u l-Karibew fi Vjenna u f'Lima, biex issir Karta għall-Paċi u s-Sigurtà Ewro-Latino-Amerikana li, fuq il-bażi tal-Karta tan-NU, tippermetti azzjonijiet u inizjattivi konġunti relatati mal-politika, l-istrateġija u s-sigurtà; jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jieħdu passi attivi biex iwettqu dan l-għan ambizzjuż u biex jappoġġjaw din il-proposta fis-Samit li jmiss bejn l-UE u l-Amerika Latina u l-Karibew, li se jsir f'Mejju 2010 f'Madrid;

70. Iqis li l-iffirmar ta' malajr tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-pajjiżi tal-Amerika Ċentrali u tal-Ftehim Multilaterali mal-pajjiżi tal-Komunità Andina, kif ukoll il-progress tan-negozjati dwar il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-Mercosur irid ikun prijorità;

°

° °

71. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lis-Segretarju Ġenerali tan-NATO, lill-President tal-Assemblea Parlamentari tan-NATO, lill-President fil-kariga tal-OSKE, lill-President tal-Assemblea Parlamentari tal-OSKE, lill-President tal-Assemblea Parlamentari tal-Unjoni Ewropea tal-Punent, lill-President tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa u lill-President tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa.

---

[1] ĠU C 140 E, 13.6.2002, p. 569
[2] ĠU C 296 E, 6.12.2006, p. 123.
[3] Testi adotatti, P6_TA(2008)0177.

## OPINJONI TAL-MINORANZA

skont l-Artikolu 52(3) tar-Regoli ta' Proċedura
Grupp Konfederali Tax-Xellug Magħqud Ewropew/Xellug Aħdar Nordiku

Minkejja li r-rapport jipproponi xi titjib żgħir, pereżempju rigward l-iskrutinju tal-PE tal-PESK, aħna nopponu r-rapport minħabba li:

– jiddefendi u jkompli jippromwovi l-militarizzazzjoni bħala l-element ewlieni tal-PESK;

– jippromwovi s-sinerġija ta' kapaċitajiet ċivili u militari;

– jilqa' b'sodisfazzjon it-tibdil li sar permezz tal-implimentazzjoni tat-Trattat ta' Lisbona fil-qasam tal-affarijiet esterni, inklużi l-bidliet istituzzjonali bħas-SEAE u t-twaqqif ta' Viċi President/Rappreżentant Għoli; konsegwentement jilqa' b'sodisfazzjon iċ-ċaqliq ulterjuri tal-UE lejn Unjoni aktar militarizzata;

– jiddefendi t-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-UE u n-Nato msejsa fuq il-ftehimiet Berlin Plus, li jippermettu l-użu mill-UE ta' kapaċitajiet tan-NATO biex jagħtu lok liż-żewġ organizzazzjonijiet li jintervjenu fil-kriżijiet billi jużaw lezzi militari, u l-iżvilupp ta' djalogu aktar strateġiku f'din id-direzzjoni;

– jappoġġja d-dikjarazzjoni ta' indipendenza unilaterali tal-Kosovo u r-rwol tal-missjoni EULEX;

– jilqa' b'sodisfazzjon ix-xogħol ta' EUNAVFOR Atalanta 'l barra mix-xatt tas-Somalja.

Aħna nesiġu:

– UE ċivili u separazzjoni stretta tal-UE u n-NATO;
– PESK imsejsa fuq prinċipji paċifiċi;
– rispett tad-dritt internazzjonali;
– l-użu tan-nefqa militari għal skopijiet ċivili;
– l-għeluq tal-bażijiet militari kollha fl-Ewropa.

Willy Meyer, Sabine Lösing u Takis Hadjigeorgiou

28.1.2010

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar ir-rapport annwali 2008 dwar il-PESK
(2009/2057(INI))

Rapporteur: Nadezhda Neynsky

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jiddispjaċih li, minkejja l-importanza li kulma jmur qed tikber tal-PESK fir-rwol tal-UE bħala parteċipant globali, l-'outturn' għall-PESK tammonta għal EUR 289 miljun, li tirrappreżenta biss inqas minn 4% tal-'outturn' għall-Intestatura 4 kollha; jirrimarka li l-adozzjoni tal-pakkett finanzjarju għall-PESK u t-tqassim tiegħu fil-linji baġitarji differenti huma limitati mid-dispożizzjonijiet tal-punt 42 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda[1], li, fost affarijiet oħra, tipprovdi għal ammont minimu fil-każ ta' nuqqas ta' qbil bejn iż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja u tipprojbixxi li jiddaħħlu approprjazzjonijiet f'riżerva; itenni, f'dan il-kuntest, it-tħassib tiegħu dwar in-natura intergovernattiva ta' din il-politika, li hija rregolata mid-deċiżjonijiet tal-Kunsill fuq il-bażi tal-previżjonijiet tiegħu u ffinanzjata mill-baġit tal-UE;

2. Hu tal-fehma li l-laqgħat regolari ta' konsultazzjoni bejn il-Parlament u l-President tal-Kumitat Politiku u tas-Sigurtà, previsti fil-punt 43 tal-Ftehim Interistituzzjonali, għandhom ikunu mmirati mhux biss għall-iskambju ta' opinjonijiet dwar missjonijiet tal-PESK li jkunu għadhom għaddejjin, iżda wkoll jivvalutaw is-suċċessi u n-nuqqasijiet tal-missjonijiet li jkunu tlestew kif ukoll jiżviluppaw strateġija fil-qasam tal-PESK li tħares 'il quddiem lejn il-bżonnijiet futuri, u li strateġija bħal din għandha, fost affarijiet oħra,

[1] ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

tgħin sabiex tiġi perfezzjonata l-valutazzjoni tal-aspetti finanzjarji tal-missjonijiet;

3. Hu konvint, f'dan il-kuntest, li safejn ikun possibbli l-Unjoni Ewropea għandha tħaddan il-lezzjonijiet meħuda mill-missjonijiet li jkunu tlestew, li jinkludu l-aspetti kollha (finanzi, tbassir, implimentazzjoni, organizzazzjoni amministrattiva, eċċ) sabiex tibni 'rekord' ikkonsolidat tal-missjonijiet tal-PESK, bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet;

4. Jemmen fil-valur miżjud ta' strateġija aktar estensiva u komprensiva fil-kuntest tar-Rapporti Annwali tal-PESK u speċifikament il-kapitoli tagħhom dwar il-gruppi u l-imsieħba reġjonali kif ukoll dwar l-interkonnessjonijiet bejn il-missjonijiet tal-PESK/PSDK u strumenti oħra li jippromwovu r-rwol tal-UE bħala parteċipant globali; perspettiva bħal din għandha, fost affarijiet oħra, tagħti ħarsa ġenerali aħjar tal-kontribuzzjoni totali mill-baġit tal-UE f'reġjun partikolari;

5. Jappoġġa bis-sħiħ l-isforzi li diġà saru f'termini tal-iżvilupp ta' linji gwida u l-iskambju tal-aħjar prattiki bil-ħsieb li jittejjeb it-taħriġ komuni għall-persunal; hu konvint li iżjed koerenza u koeżjoni fuq il-post fir-rigward tal-persunal se jsaħħu t-tmexxija tal-missjonijiet u jiffaċilitaw ukoll l-issekondar ta' ċittadini tal-UE, li, minn perspettiva purament baġitarja, aħjar milli jintuża persunal internazzjonali b'kuntratt;

6. Jenfasizza r-rwol ċentrali li jista' jiġi kopert mir-RSUE u l-valur miżjud li jistgħu jirrappreżentaw fil-kuntest tal-introduzzjoni tal-politika esterna l-ġdida wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona (koordinazzjoni ottimali tal-finanzjament Komunitarju mad-deċiżjonijiet tal-Kunsill, koordinazzjoni mtejba tal-politika interna u rappreżentazzjoni esterna msaħħa, eċċ); jinnota li mandat doppju (double-hatting) huwa, f'dan ir-rigward, l-ewwel – iżda mhux l-uniku – pass li hemm bżonn jittieħed sabiex jinħolqu ekonomiji ta' skala u l-PESK issir aktar effiċjenti;

7. Ifakkar li bħalissa l-Parlament m'għandu l-ebda mezz kif jikkontesta mandat individwali ta' RSUE, peress li l-approprjazzjonijiet għall-eżerċizzju ta' mandat bħal dan huma inklużi fl-Artikolu 19 03 06, li jkopri l-mandati kollha tal-RSUE; jitlob, għalhekk, li jkun hemm skrutinju parlamentari akbar u kontroll fuq il-ħatriet tal-RSUE;

8. Itenni t-tħassib tiegħu dwar in-nuqqas ta' trasparenza u informazzjoni fir-rigward tal-finanzjament tal-ispejjeż komuni tal-operazzjonijiet tal-UE li jkollhom implikazzjonijiet militari jew ta' difiża, peress li l-mekkaniżmu Athena ma jippermettix, evidentement, li tinkiseb perspettiva ġenerali tal-implikazzjonijiet finanzjarji kollha tal-missjonijiet imwettqa taħt il-PESK; jilqa' b'sodisfazzjon, għalhekk, it-twaqqif tal-fond ta' tnedija skont l-Artikolu 41(3) tat-Trattat UE u jitlob li jiġi kkonsultat dwar il-ġestjoni tiegħu, f'konformità mal-prerogattivi ġenerali tal-PE dwar il-PESK u l-PSDK kif definiti fl-Artikolu 36 tat-Trattat UE; jirrimarka li parteċipazzjoni akbar mill-Parlament fid-definizzjoni, il-monitoraġġ u s-segwitu tal-PESK tirriżulta kemm mill-interkonnessjoni bejn il-PESK u l-PSDK, kif enfasizzat fl-Artikolu 42 tat-Trattat UE, kif ukoll mill-iskrutinju parlamentari msaħħaħ fil-livell nazzjonali u Ewropew kif imniżżel fil-Protokoll Nru 1 tiegħu;

9. Jenfasizza li, minħabba l-baġit pjuttost limitat għall-PESK, għandu jsir kull sforz biex

ikun żgurat użu ottimali tal-kapaċità mingħajr ma jkun hemm ebda ħela ta' riżorsi; jissuġġerixxi, bħala eżempju, li jista' jingħata aktar ħsieb għall-użu ta' mħażen u faċilitajiet ta' ħżin komuni għal tagħmir u materjal kif ukoll li jinġabru flimkien u jintużaw b'mod komuni l-kapaċitajiet tat-trasport;

10. Jistenna li l-kunsiderazzjonijiet imsemmija hawn fuq jiġu kkunsidrati kif jixraq fin-negozjati dwar l-aġġustament tal-Ftehim Interistituzzjonali u l-punti speċifiċi tiegħu dwar il-finanzjament tal-PESK.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 27.1.2010 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 25<br>–: 1<br>0: 1 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Damien Abad, Marta Andreasen, Francesca Balzani, Reimer Böge, Lajos Bokros, Giovanni Collino, Göran Färm, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazábal Rubial, Jens Geier, Ivars Godmanis, Ingeborg Gräßle, Carl Haglund, Jiří Havel, Sidonia Elżbieta Jędrzejewska, Sergej Kozlík, Vladimír Maňka, Barbara Matera, Sergio Paolo Francesco Silvestris, László Surján, Helga Trüpel, Derek Vaughan, Angelika Werthmann |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | François Alfonsi, Roberto Gualtieri, Giovanni La Via, Paul Rübig |

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 23.2.2010 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 51<br>–: 4<br>0: 1 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Gabriele Albertini, Pino Arlacchi, Bastiaan Belder, Frieda Brepoels, Arnaud Danjean, Mário David, Michael Gahler, Marietta Giannakou, Andrzej Grzyb, Heidi Hautala, Richard Howitt, Anna Ibrisagic, Anneli Jäätteenmäki, Jelko Kacin, Ioannis Kasoulides, Tunne Kelam, Maria Eleni Koppa, Wolfgang Kreissl-Dörfler, Eduard Kukan, Krzysztof Lisek, Sabine Lösing, Mario Mauro, Kyriakos Mavronikolas, Willy Meyer, Francisco José Millán Mon, Alexander Mirsky, Annemie Neyts-Uyttebroeck, Norica Nicolai, Kristiina Ojuland, Ria Oomen-Ruijten, Pier Antonio Panzeri, Ioan Mircea Paşcu, Cristian Dan Preda, Libor Rouček, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Jacek Saryusz-Wolski, Werner Schulz, Adrian Severin, Marek Siwiec, Ernst Strasser, Charles Tannock, Zoran Thaler, Inese Vaidere, Johannes Cornelis van Baalen, Graham Watson |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Laima Liucija Andrikienė, Charalampos Angourakis, Elena Băsescu, Malika Benarab-Attou, Carlo Casini, Andrew Duff, Lorenzo Fontana, Roberto Gualtieri, Georgios Koumoutsakos, Luis Yáñez-Barnuevo García |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Bas Eickhout |